IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru36 (Sitta u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 24ta' Mejju, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| L-Uffiċjal | Ranier Busuttil |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

1.1 Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

2.2 Korrezzjoni 8.1 - Is-Sinjura Buttigieg flimkien mas-Sur Joseph Azzopardi semmew il-punt.

2.3 Korrezzjoni 8.3 - Is-Sinjura Borg semmiet ukoll li jitnaddaf il-qiegħ tal-banju.

Il-Kunsill qabel li nġibu stimi ta' kemm jiġina biex jitneħħa l-ġebel mill-qiegħ.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP – Is-Sindku qal li issa suppost wasal iż-żmien li jinħareġ it-tender tal-landscaping ta' madwar l-impjant. Il-Kunsill qabel li jintbgħat reminder rigward il-progress li ħareġ miż-żjara

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

tal-esperti fl-istess impjant. Għalhekk ġie propost li ssir laqgħa tal-Monitoring Committee f' Ġunju.

3.2 Rampa Sports Complex – Il-Perit ġie fuq il-post u kellu jara l-pjanti u l-livelli għalhekk nibgħatu reminder fuq dan ir-rigward ħa naraw kif ser inkomplu. Il-Perit issuġġerilna wkoll li r-railing ta' madwar il-proġett isir b'ħadid vertikali u mhux orizzontali u ma jiġix baxx ħafna.

Kif ġie diskuss f'laqgħat preċedenti Transport Malta qablet li ssir ir-rampa pero' għadhom ma ħallsux lil Kuntrattur u l-Perit. Is-Sindku qal li minħabba l-*extras*, peress li kienet waqgħet il-bankina u parti mit-triq ma kienx hemm qbil ta' kif ser jitħallas tal-*extras* imma issa jidher li nstabet soluzzjoni.

Is-Sindku qal ukoll li rigward dan il-Proġett għadna qed nistennew konferma fuq il-fondi imwiegħda ta' €60,000 biex jitkompla u jitlesta il-Hall ta' taħt il-bandli. Fuq dan ir-rigward tkellem mal-Awditur Ġenerali nhar il-laqgha tas-Sindku fejn l-AG qal li waslu fl-aħħar fażi ta' dan il-każ u dalwaqt ser jinħareġ ir-rapport biex inkunu nistgħu nipproċedu.

Is-Sur Valvo qal li l-ewwel fażi tal-Proġett suppost tlestiet bil-fondi li kellna tal-MOU pero' ġara li telgħu ħafna spejjeż *extra* minħabba li fost affarijiet oħrajn kif ħaffru sabu li jridu jinżlu aktar milli kien ippjanat.

Is-Sinjura Borg staqsiet kif il-Perit Buhagiar ma kienx konxju mil-*extras*. Is-Sur Valvo qal li fil-kuntratt kien hemm lok għal *extras* pero' mhux ta' dan l-ammont u fil fatt l-aħħar kont tal-kuntrattur ma' tħallasx kollu u b'hekk hemm ammont li għadu pendenti.

3.3 Bus Shelter – Il-Kunsill qabel li ġaladarba għandna il-permessi meħtiega minn Transport Malta nistgħu nibnu dan il-bus shelter bil-ħaddiema tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill ser iġib bil-miktub minn Transport Malta din l-approvazzjoni u jsir bil-bricks.

3.4 Tabelli tat-toroq – Il-Kunsill ġab stima mingħand Koptasin ta' kemm jiġuna tabelli li għandhom bżonn jinbidlu il-għaliex jinsabu msaddin u qabel li jsiru tal-Aluminium.

3.5 Latrina Pubblika – Is-Sindku qal li wara li kellna lmenti li qed idumu ħafna biex jitlesta x-xogħol, issa jidher li reġgħu qed ikomplu. Għalhekk tajjeb li nagħmlu aktar pressjoni sabiex din titlesta.

IX-XGĦAJRA

3.6 Ħmieg madwar ix-Xgħajra – Is-Sur Valvo qal li kellna laqgħa pożittiva mad-Direttur tal-Cleansing Department, is-Sur Ramon Deguara. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-problema kbira li għandna li kulħadd jarmi madwar l-iskips u f' siti varji. Is-Sur Deguara fehem din il-problema u lest li jgħina billi jressaq għal approvazzjoni installazzjoni ta' cameras fuq l-iskips u fejn l-impjant tad-drenaġġ fejn qed jiġu attakkati minn min iħammeġ. B'dan il-mod nistgħu naqbdu dawn l-illegalitajiet u jittieħdu passi kontrihom.

Apparti hekk kien hemm qbil ukoll li jibda jibgħat ħaddiema u van tad-Dipartiment sabiex jinġabar skart goff mill-Kunsill li jkun inġabar minn madwar l-iskips matul il-ġimgħa. Dan il-van ser jibda jiġi kull nhar ta' Tnejn.

3.7 Camera pprovduta mil-GreenPak – Is-Sindku qal li l-Greenpak aċċettaw li jipprovdu camera *high resolution* sabiex tinbidel ma' waħda li għandna fuq il-Bring in Site ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja minħabba li mhux ta' kwalita tajba. Il-GreenPak ser jiġu jinstallaw din il-camera nhar it-Tlieta li ġej. Għalhekk il-Kunsill jirringrazzja lil Greenpak ta' din l-inizjattiva.

3.8 Sqaq Ras il-Gebel – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill bgħat ittra lis-Sur Carmelo Delia rigward is-sigurta' f 'dan l-isqaq. Is-Sur Delia qal li minn naħa tiegħu qiegħed tajjeb u mhux lest li jagħmel spejjeż.

Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Perita Audrey Testaferrata Denoto ta' Trasport Malta sabiex tagħti s-suġġeriment tagħha ta' kif għandna nipproċedu.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Riżenja ta' Nicole Buttigieg – Is-Sindku qal ser jibgħat l-aċċettazzjoni tar-riżenja lil Nicole Buttigieg.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti gew awtorizzati b' 4 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

IX-XGĦAJRA

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Is-Sinjura Buttigieg talbet informazzjoni ta' fiex wasalna fuq it-track fil-Fort Park li kellha ssir mil-Ministeru tal-Isports. Is-Segretarju qal li għadu kif bgħat reminder madwar ġimgħa u nofs ilu fejn is-Segretarju Parlamentari qallu li għadha f'moħħhom pero hemm kwistjoni ta' budgeting.

6.2 Is-Sinjura Buttigieg qalet li hemm bżonn jitnaddaf wara l-iskips li hemm fi Triq il-Fortizza tal -Grazzja u Triq Karmelo Ritchie. Is-Segretarju qalilha li dawn ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin minħabba mpenji oħra tal-ħaddiema.

6.3 Is-Sinjura Buttigieg ilmentat ukoll fuq trakk li hemm fi Triq San Gakbu u qalet li dan qiegħed jitħalla matul il-lejl ipparkjat quddiem id-djar tan-nies. Għalhekk issuġġeriet li nkellmu lill-Liasing officer il-Pulizija, Stephen Camilleri sabiex ikellmu u jara jekk hux qiegħed skond il-liġi.

6.4 Is-Sinjura Buttigieg qalet li l-mirja ta' Triq Karmelo Ritchie lesti u ġew tajjeb.

6.5 Is-Sinjura Borg qalet li għandna bżonn nieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-bandli tax-xatt. Hemm ukoll ħafna ħaxix ħażin li mhux jinżabar spiss. Is-Sindku qal li ser nerġgħu nitkellmu mal-propjetarji tar-restaurant El Catalan sabiex infakkruh li dan għandu jieħu ħsiebu hu kif suppost. Aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

6.6 Is-Sinjura Borg qalet li l-bankina ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja għandha bżonn issirilha xogħol ta' manutenzjoni fuqha u għalhekk tajjeb li tqabbdu l-ħaddiema jirrangawha.

6.7 Is-Sur Joe Azzopardi qal li fi Triq Alof De Wignacourt kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul hemm ħafna ħmieġ u għandna bżonn innaddfuha. Is-Sindku qal li din il-kantuniera hija privata u għalhekk irridu nkellmu lis-sid tagħha. Is-Sur Azzopardi qal ukoll li f'din l-istess kantuniera hemm bżonn li tiġi ffriskata iż-żebgħa tal-art. Is-Segretarju qallu li din ser issir mill-ħaddiema fil-ġimgħat li ġejjin.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivita' ta' Lapsi 2016

7.1 Festa Lapsi 29 ta' Mejju – Il-Viċi Sindku qal li l-Programm għal Festa Lapsi lest u ser jinħareġ uffiċjalment fil-ġimgħa li ġejja. Bħala posters dalwaqt jibdew jitwaħħlu wkoll. Is-Sur Attard informa lill-Kunsilliera li ser ikollna sponsor mill-owners tal-Catalan Restaurant li ser jipprovdu ikel għal Jum ix-Xgħajra. Is-Sur Attard issuġġerixxa wkoll li jiġu preparati ċertifikati ta' parteċipazzjoni fil-Festa Lapsi li kantanti u żeffiena kollha.

Is-Sur Neil Attard semma' wkoll li fid-29 ta' Mejju fis-1pm ser ikollna l-Gostra fejn il-Milord max-Xatt u jidher li ser tkun popolari ħafna.

Is-Sindku qal li l-ġimgħa ta' wara jiġifieri nhar il-5 ta' Ġunju ser ikollna Xgħajra Day fejn fiha ser ikollna quddiesa ta' ringrazzjament fis-6pm u wara jsegwi riċeviment żgħir. Is-Sur Valvo qal li kull kunsillier ser ikollu ammont ta' inviti sabiex iqassmuhom lil min iridu u flistess ħin iċ-ċirkolari ta' Xgħajra Day se tkun qed tistieden lir-residenti tax-Xgħajra kollha għal riċeviment wara il-quddiesa.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Computer Courses – Is-Sindku qal issa dalwaqt jasal li jinfetħu l-applikazzjonijiet tal-korsijiet tal-kompjuter fis-Sajf ser ikun hemm 3 klassijiet ta' etajiet differenti. Is-Sindku ħeġġeġ lil Kunsilliera biex imexxu l-kelma sabiex ikollna konkorrenza tajba.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm

Aġġornament għal-Ħamis, 30ta' Ġunju, 2016, fil-5.30pm

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |